**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 94/2010 AF**

**Saviour Borg**

**Godfrey Borg**

**Raymond Gauci**

**Wilfred Gauci**

**u**

**Vincent Borg**

**vs**

**Carmel u Carmela, mizzewgin Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti fuq inkarigu tal-intimati ghamlu xogholijiet u fornituri fil-fond 13, "Pixxispada", Triq J. Kepler, il-Mellieha.

Illum baqa' bilanc favur l-esponenti ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro sitt mija u disgha u sebghin (€25,679) bilanc ta' somma akbar; illi l-intimati gew interpellati diversament inkluz permezz ta' ittra ufficcjali tat-28 ta' Mejju 2009, izda inutilment u lanqas qatt ma taw spjegazzjoni jew gustifikazzjoni tal-bilanc dovuti.

Il-kreditu fil-fehma tal-esponenti huwa cert likwidu u skadut u li fil-fehma tal-atturi, l-esponenti ma ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk hija flokha l-proceduri sommarja.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti intimati solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro sitt mija u disgha u sebghin (€25,679) bilanc minn somma akbar ghal xoghol u fornituri fuq inkarigu tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-registrazzjoni tal-Privilegg Specjali skond il-Ligi u dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-30 ta' Mejju 2009 u bl-imghax mid-data tal-iskadenza tal-pagament. Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tat-13 ta' Mejju 2010 u peress illi l-Qorti qieset li l-konvenuti seta' kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu, ingħataw għoxrin jum żmien sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom għar-rikors maħluf tal-atturi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament illi l-konvenuti m'ghandhomx relazzjoni guridika mal-atturi Godfrey Borg, Raymond Gauci, Wilfred Gauci u Vincent Borg stante li l-kuntratt ta' appalt l-esponenti ikkonkludewh mal-attur Saviour Borg biss u mhux mal-atturi l-ohra.

Bla pregudizzju illi mhux minnu li l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi l-ammont reklamat stante illi r-rati pretizi mill-atturi ma jaqblux mar-rati fil-kontijiet mahruga mill-perit arkitett li ssorvelja x-xogholijiet u li fil-presenza tieghu sar il-ftehim tal-appalt *de quo*.

L-ammont reklamat mill-atturi ma hux dovut in kwantu jikkontjeni somom rigwardanti fornituri li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-appalt mertu tal-kawza odjerna.

L-attur kiser il-ftehim ta' bejn il-partijiet li l-materjal mehtieg ghall-kostruzzjoni jittiehed minghand fornitur indikat mill-konvenuti.

L-attur Saviour Borg qed jirrifjuta li jirrilaxxja ricevuti fiskali ghall-ammonti già lilu mhallsa mill-kovenuti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat illi permezz ta' digriet tat-23 ta' Ġunju 2010, din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Perit Mario Cassar bħala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attriċi.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Semgħet lill-perit tekniku jixhed in eskussjoni.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas t'appalt. L-atturi jikkontendu li hija dovuta lilhom mingħand il-konvenuti s-somma komplessiva ta' €25,679, għal xogħol ta' kostruzzjoni u materjal fornut. L-atturi esebew diversi kontijiet sabiex jissostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom.

Da parti tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu li huma għandhom relazzjoni ġuridika mal-attur Saviour Borg biss, li r-rati li ġew applikati fil-kontijiet rilaxxjati mill-perit tal-atturi huma ħżiena, li l-kontijiet maħruġa jinkludu fornituri li m'għandhom x'jaqsmu xej mal-appalt mertu tal-kawża, li l-attur Saviour Borg kiser il-ftehim bejn il-partijiet peress li l-materjal fornut ma kienx tal-fornitur indikat mill-konvenuti u li l-istess attur qiegħed jirrifjuta li jirrilaxxja riċevuti fiskali għall-ammont ġja imħallas minnhom.

Il-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet huma r-rati li għandhom jiġu applikati għax-xogħol t'appalt esegwit. Ix-xogħol beda fis-26 ta' Ottubru 2006 u l-aħħar ġurnata tal-atturi fuq il-lant tax-xogħol kienet l-4 ta' Lulju 2007 wara li l-konvenut informa lill-atturi li għandhom jieqfu mix-xogħol stante li dawn tal-aħħar ma setgħux iżommu mat-terminu impost fuqhom mill-konvenut sabiex ilestu x-xogħlijiet.

Jirriżulta li qabel beda x-xogħol, il-konvenuti ltaqgħu mal-attur Saviour Borg fuq is-sit flimkien mal-perit tagħhom. Il-konvenuti jikkonfermaw li l-attur kien infurmahom mal-ewwel li huwa ma kienx ser jaħdem waħdu iżda li kellu "erba' ħaddiema jaħdmu miegħu". Skont l-attur, l-atturi huma fil-fatt kollha kuntratturi *self-employed* illi jaħdmu flimkien. Il-periti rispettivi tal-partijiet ma qablux dwar ir-rati li għandhom jiġu applikati. Il-*quantity surveyor* inkarigat mill-atturi wkoll ma qabilx mal-kont maħruġ mill-perit tal-konvenuti.

Il-partijiet ma ffirmawx skrittura sabiex tirregola l-kuntratt ta' xogħlijiet miftehma bejniethom u allura ma hemm xejn x'juri dwar ir-rati li kienu ftehmu. Il-perit Joseph Attard, inkarigat mill-atturi, jgħid biss illi ma' Saviour Borg kien ftiehem verbalment illi dan tal-aħħar jitħallas bir-rati tax-xogħol ta' dak

iż-żmien. Il-perit ikompli billi jgħid illi kien ta struzzjonijiet ċari lil Saviour Borg li l-materjal kellu jiġi mingħand Polidano Brothers jew xi kumpannija oħra ta' Polidano.

Fuq ix-xogħol li jsir bil-ġurnata, il-perit jgħid li Saviour Borg kellu l-ewwel jinforma lilu sabiex huwa japprovah qabel isir. Filwaqt illi fl-affidavit tiegħu l-perit jixhed li qatt ma approva xogħol bil-ġurnata għaliex ma kienx hemm bżonn, in kontro eżami jikkonċedi li filfatt kien hemm xi xogħol bil-ġurnata u li kien approvah. Il-perit tal-konvenuti jgħid ukoll li r-rati li bihom qegħdin jippretendu li jitħallsu l-atturi huma ogħla minn dawk miftehma verbalment u li Saviour Borg kien ippreżentalu kontijiet ta' fornituri oħra.

Wara li sema' x-xhieda u ħa konjizzjoni tal-prova dokumentarja kollha esibita mill-partijiet, il-perit tekniku wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

i. *Illi l-kwistjoni bejn il-partijiet inqalet esklussivament għax ma kienx hemm ftehim bil-miktub dwar a) rati tax-xogħol b) deskrizzjoni tal-istess xogħlijiet u c) terminu f'kemm għandu jitlesta x-xogħol;*

ii. *Illi l-affarijiet komplew jikkumplikaw ruħhom meta kien verbalment stipulat illi r-rati ppreżentati kienu rati ta' xogħol komplut, u fil-fatt il-ftehim verbali kien jikkontempla illi wara illi jiġi kkalkulat ix-xogħol bir-rati tad-dokument SB1 (skont l-atturi), kellu jitnaqqas il-prezz tal-materjal illi l-konvenuti kellhom jieħdu mingħand id-debituri tagħhom u speċifikament mingħand ic-Caqnu;*

iii. *Illi l-affarijiet komplew ikkomplikaw meta l-Perit tal-konvenuti qabad u applika rati ta' xogħlijiet illi skont hu kienu r-rati kurrenti tas-snin 2006 u 2007, mingħajr ma ddiskuta xejn mal-atturi u/jew mal-persuna illi kien qiegħed jagħmilha ta' quantity surveyor għall-atturi. Anzi, dan tal-aħħar applika rati illi tawh l-istess kuntratturi/atturi;*

iv. *Illi waqt il-ġbir tal-provi, Saviour Borg ippreżenta mal-mitejn ritratt li ttieħdu waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet. Dawn jindikaw kwalità ta' xogħol tajjeb, u skont is-sengħa u l-arti. Għal ċerta xogħlijiet kienu jirrikjedu rati ogħla minn rati li kienu jiġu applikati għal xogħol li jirrikjedi 'inqas strapazz.' Bħal per eżempju ċerta xogħlijiet li jirrikjedu aktar sengħa minn meta kuntrattur jibni terraced house jew blokka ta' appartamenti. Għalhekk l-importanza ta' ftehim bil-miktub. Aktar ma' l-kwalità tax-xogħol tkun ogħla aktar jiġi pretiż ħlas ogħla, li jirrifletti l-istess kwalità, kif juru r-ritratti meħuda waqt ix-xogħol. Għalhekk hija l-fehma tal-esponent illi kellhom jiġu applikati rati ogħla minn dawk kurrenti ta' meta sar ix-xogħol. Dwar il-kwistjoni tal-inklużjoni tad-dayworks, hija l-prassi illi dawn jiġu approvati mill-Perit responsabbli. Jista' jagħti l-każ illi tinġibed l-attenzjoni tal-Perit wara li jsiru dawn id-dayworks u jiġi nfurmat bihom l-ewwel darba li jmur fuq il-lant tax-xogħol. Dwar il-kwistjoni tal-wisa tal-pedamenti tal-konkos, il-kuntrattur għandu jżomm mal-qisien li jkun indikalu fuq il-pjanti l-Perit;*

v. *Illi l-esponent kellu jikkonsidra u jiddeċiedi hu x'kienu rati aċċettabbli u x'kellu jkun inkluż wara li, mill-esperjenza tiegħu jikkonsidra l-fatturi li normalment ikunu preżenti f'dawn il-każi. Dawn il-fatturi jinkludu d-dinamika ta' deċiżjonijiet ad hoc biex jitkomplew ix-xogħlijiet u biex dawn ma jifqux;*

vi. *Wara illi l-esponent ikkunsidra dawn il-fatturi kollha, huwa tal-opinjoni illi l-atturi fadlilhom kreditu ta' €11,904.91 (Dok. MEX1) mingħand is-soċjetà konvenuta (recte: konvenuti);*

Madanakollu, irriżulta li bi żvista l-atturi preżentaw dokument, ossia kont, mhux komplut, u allura nieqes mill-atti tal-kawża kien hemm numru ta' xogħlijiet oħra li saru mill-atturi. Wara li l-Qorti awtorizzat lill-perit tekniku jieħu konjizzjoni tad-dokument komplut stante li dan ma giex meqjus li jikkostitwixxi prova ġdida, il-perit tekniku wasal għall-

konklużjoni li l-ammont rivedut ta' xogħlijiet li tagħhom għad baqalhom jitħallsu l-atturi fil-fatt jammonta għal €16,175.80.

Dwar il-kunsiderazzjonijiet li Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Carmel Vella vs Victor Sammut, deċiża fit-18 ta' Frar 2004 fejn intqal:

> "*Issa huwa paċifiku f' każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha konċessa b' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "**Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967*".

Huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti mhijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha:

> "*Dan però ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*" (Philip Grima vs Carmelo Mamo *et nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).

Ġie wkoll sewwa ritenut illi:

> "*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*" (Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Fil-kawża Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2004, ingħad illi:

> "*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et]*.' Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet Geswalda Caruana vs Francis Xerri.

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Philip Grima vs Carmelo Mamo et, deċiża fid-29 ta' Mejju 1998, qalet illi:

> "*Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li għandha valur probatorju daqs kull prova oħra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tiġix kontrastata jew bi provi oħra li jikkontraduċuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawha bħala waħda mhux attendibbli u kredibbli*."

Finalment, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Petroil Engineering Services Limited vs Oil and Construction International Limited et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2007, spjegat illi:

*"L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiż sabiex il-Qorti tkun tista tistabilixxi fatti rilevanti għall-mertu ta' kawża illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu taħriġ jew tagħlim speċjali jew speċjalizzat appuntu sabiex jiġu determinati."*

Il-Qorti fliet il-provi kollha fl-atti u ma ssib l-ebda raġuni sabiex tiddisturba l-konklużonijiet tal-perit tekniku. Kif sewwa jgħid il-perit tekniku, il-problema nibtet mill-fatt illi ma sarx ftehim bil-miktub bejn il-partijiet sabiex jirregola il-kuntratt t'appalt *de quo*. Għalhekk, it-tieni u tielet eċċezzjoni dwar il-kontijiet u fornitura ta' materjal qegħdin jiġu miċħuda.

L-atturi jeċċepixxu preliminarjament illi huma għandhom relazzjoni ġuridika ma Saviour Borg biss. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti, deċiża fl-10 ta' Jannar 2007 irriteniet li:

*"b"relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtù ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare jew di fare jew di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f"sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Filwaqt illi mhux kontestat illi l-konvenuti kienu jikkomunikaw mal-attur Saviour Borg biss, il-Qorti tqis illi l-eċċepjenti ma ressqux biżżejjed provi sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom. Mhux kontestat lanqas illi l-atturi l-oħra wkoll kienu jaħdmu fuq il-post u minn imkien ma jirriżulta li dawn effettivament huma impjegati tal-attur Saviour Borg u mhux kuntratturi għal rashom. Ix-xogħol sar mill-atturi kollha u l-fatt illi l-konvenuti ma kellhomx relazzjoni personali mal-atturi kollha ma jfissirx illi m'għandhomx relazzjoni ġuridika magħhom. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi respinta.

Dwar ir-raba' eċċezzjoni, minkejja li jidher li huwa minnu li ntuża materjal li ma kienx fornut minn Polidano Brothers jew xi socjetà konnessa, il-konvenuti naqsu milli jispjegaw għalfejn l-atturi m'għandhomx jitħallsu tal-materjal ladarba mhux kontestat li infatti ntuża mill-atturi fil-kors tal-appalt in kwistjoni. Il-konvenuti naqsu milli juru li, per eżempju, il-materjal inxtara bi prezz ogħla milli kieku kien fornut minn Polidano Brothers jew li kien ta' kwalità inferjuri. Fil-fatt, il-konvenuti ma kkontestawx ix-xhieda tal-attur Saviour Borg fis-sens li r-rati li bihom inxtara dan il-materjal kien l-istess bħal ta' kuntratturi oħra. Isegwi għalhekk li lanqas din l-eċċezzjoni ma hija gustifikata.

Finalment, il-konvenuti jeċċepixxu li l-atturi rrifjutaw li jirrilaxxaw riċevuti għall-ammont ġja mħallas. B'żieda mal-fatt illi l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova dwar dak li jallegaw, il-kwistjoni hija irrelevanti għall-mertu tal-kawża stante li ma jirriżultax li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar kemm effettivament diġa tħallas lill-atturi għall-appalt esegwit. L-aħħar eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba attriċi limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf, mija u ħamsa u sebgħin Ewro u tmenin centeżmu (€16,175.80) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal terz mill-atturi u żewġ terzi mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG